Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,701, 6 ta' Novembru, 1998
Taqsima B

A.L. 244 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health), 1998

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titlu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health),1998.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"il-Bord ta' l-Istudji" ifisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser il-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc.;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc.(Health);

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health); u

"ix-Xjenza tas-Saħħa" tfisser waħda mix-xjenzi mniżżla fl-Iskeda I mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1996 jew wara.

Reġistrazzjoni u Eliġibbilita' għad-Diploma

3. (1) Il-kandidat għandu jirreġistra fuq il-formola preskritta fiż-żmien indikat mir-Reġistratur.

(2) Malli jirreġistra, l-istudent għandu jagħżel biex jispeċjalizza f'waħda mix-Xjenzi tas-Saħħa mniżżla fl-Iskeda I mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Biex ikun eliġibbli biex jirreġistra għad-Diploma kandidat għandu jissodisfa lill-Bord permezz ta' intervista li hu:

(a) (i) jkun kiseb l-ewwel grad fix-Xjenza tas-Saħħa magħzula li jinkludi esperjenza klinika; jew

(ii) ikun persuna matura b'minimu ta' ħames snin esperjenza fix-Xjenza tas-Saħħa magħzula, u jissodisfa lill-Bord li hu jista' jtemm il-Kors b'suċċess, u jissodisfa r-regolamenti l-oħra kollha rilevanti għar-reġistrazzjoni ta' studenti maturi; jew

(iii) ikun diġa' ta prova ta' profiċjenza fir-riċerka u għadda minn eżami ta' kwalifika speċjali bil-miktub, normalment f'aktar minn suġġett wieħed, kif determinat mill-Bord; u

(b) jekk applikabbli, jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors imniżżla fl-Iskeda II mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

(4) Biex ikun eliġibbli għall-għoti tad-Diploma, student għandu:

(a) jtemm il-kors ta' l-istudji, jgħaddi mill-eżamijiet u jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(b) jkun approvat mill-Bord u rreġistrat bħala student regolari ta' l-Universita'; u

(ċ) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fl-istatuti, regolamenti, u ordinamenti oħra ta' l-Universita'.

Il-Kors ta' l-Istudji għad-Diploma

4. (1) Il-kors ta' l-istudji għad-Diploma jinfirex fuq perijodu minimu ta' sentejn studju fuq bażi *part-time*. Student ma jistax jagħmel l-eżami finali qabel sentejn jew wara tliet snin mill-ewwel dħul fil-Kors, ħlief b'permess speċjali tas-Senat.

(2) Il-kors ta' l-istudji għad-Diploma hu magħmul minn:

(a) taqsimiet studju li għalihom jingħataw mhux anqas minn 24 kredtu; u

(b) proġett individwali ta' riċerka taħt superviżjoni.

(3) Katalgu ta' taqsimiet studju, bil-kredti assenjati għal kull taqsima studju, għandu jkun approvat mill-Bord u ppublikat qabel il-bidu ta' kull semestru. Xi taqsimiet studju jistgħu jkunu indikati bħala obbligatorji u oħrajn bħala fakultattivi. Xi taqsimiet studju għandhom jinvolvu xogħol prattiku taħt superviżjoni. Dan ix-xogħol prattiku għandu jitqies bħala komponent essenzjali tal-kors ta' l-istudji għad-Diploma u jingħataw għadd ta' kredti għalih.

Valutazzjoni Kontinwa għad-Diploma

5. (1) F'kull semestru tal-kors ta' l-istudji għad-Diploma, l-istudenti għandhom ikunu valutati f'kull taqsima studju li tkun saret matul dak is-semestru skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) Fl-għoti tal-kredti għandhom jintużaw dawn il-gradi: A, B, Ċ, D u F, fejn A hija l-ogħla grad u F tfisser Weħel.

(3) Student li jeħel f'xi waħda mit-taqsimiet studju għandu jitħalla jagħmel riparatorju darba biss. Jekk jerġa' jeħel, l-istudent jista' jitħalla jirrepeti t-taqsima studju rilevanti darba oħra biss. F'kull każ minn dawn, l-ogħla grad li student jista' jingħata huwa l-grad D.

Proġett Individwali ta' Riċerka

6. (1) L-istudenti huma meħtieġa jtemmu proġett individwali ta' riċerka taħt superviżjoni akkademika.

(2) It-titlu propost u l-abbozz tal-proġett għandhom ikunu sottomessi lil, u approvati mill-Bord ta' l-Istudji.

(3) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jaħtar superviżur.

(4) L-isem tas-superviżur, it-titlu propost u l-abbozz tal-proġett għandhom ikunu sottomessi lill-Bord għall-approvazzjoni finali.

(5) Il-proġett għandu jissodisfa lill-Bord dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(6) Il-proġett għandu jkun ta' madwar 10,000 kelma u għandu jikkonforma mal-linji ta' gwida rilevanti dwar il-format u t-tul.

(7) Il-proġett għandu jkun ippreżentat fil-forma finali tiegħu mhux aktar tard minn għoxrin xahar mill-bidu tal-kors ta' l-istudji għad-Diploma, sakemm il-Bord ma jtawwalx iż-żmien.

L-Eżami Finali għad-Diploma

7. (1) Eżami finali komprensiv bil-miktub magħmul minn żewġ karti għandu jsir fi tmiem il-kors ta' l-istudji għad-Diploma. Jistgħu jersqu għall-eżami dawk l-istudenti biss li jkunu kisbu għallinqas 20 kredtu, inkluzi l-kredti obbligatorji kollha.

(2) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu eżami *viva voce*.

(3) Student li, wara twissija xierqa bil-miktub, jibqa' ma jattendix għall-konferenzi u/jew għas-sessjonijiet tutorjali jew ma jwettaqx id-dmirijiet akkademiċi tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, jista' ma jitħalliex mill-Bord joqgħod għal xi eżami jew għall-eżamijiet finali kollha.

L-Iggradar Finali u l-Klassifikazzjoni għall-Għoti tad-Diploma

8. (1) Fi tmiem il-Kors, għandhom jintużaw dawn il-gradi: A, B, Ċ, D jew F, fejn l-A hija l-ogħla grad u F tfisser Weħel.

(2) L-iggradar finali għandu jkun ibbażat fuq it-taqsimiet studju, li jkollhom 40% tal-piż, il-proġett ta' riċerka, li jkollu 30% tal-piż u l-Eżami Finali, li jkollu 30% tal-piż.

(3) Student ma jingħatax id-Diploma jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal kull parti tal-valutazzjoni (jiġifieri t-taqsimiet studju, il-proġett, u l-Eżami Finali).

(4) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku fil-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

Reġistrazzjoni u Eliġibbilita' għall-Grad

9. (1) Kandidat għandu jirreġistra fuq il-formola preskritta fiż-żmien indikat mir-Reġistratur.

(2) Malli jirreġistra, l-istudent għandu jagħżel biex jispeċjalizza f'waħda mix-Xjenzi tas-Saħħa mniżżla fl-Iskeda I mehmuza ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Student ikun eliġibbli biex jirreġistra għall-Grad jekk hu:

(a) (i) jkun Għadda bi grad globali B fil-kors għad-Diploma; jew

(ii) għandu B.Sc. (Hons) f'suġġett relatat b'mill-anqas it-Tieni Klassi bl-Unuri, jew grad xieraq, bħal M.D., B.Sc.(Hons), B.Pharm. (Hons) jew B.Ch.D., li għandu l-approvazzjoni tal-Bord; jew

(iii) għandu grad li, fl-opinjoni tal-Bord, huwa ekwivalenti għall-kwalifiki mniżżla fis-sotto-paragrafu (i) jew (ii); jew

(iv) għandu B.Sc. (mhux bl-Unuri) f'suġġett relatat sakemm f'każ bħal dan jista' jirreġistra biss għall-kors għall-Grad wara li jtemm b'suċċess sena ta' studju u riċerka preskritti, li għandhom l-approvazzjoni tal-Bord; u

(b) jekk applikabbli, jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors imnizzla fl-Iskeda II mehmuża ma' dawn ir-regolamenti; u

(ċ) qed japplika fit-termini tas-sotto-paragrafu (ii), (iii) jew (iv) tar-regolament 9 għandu jissodisfa lill-Bord permezz ta' intervista li jista' jtemm il-Kors b'suċċess.

(4) Biex ikun eliġibbli għall-għoti tal-Grad, student għandu:

(a) jtemm ix-xogħol tal-kors għall-Grad u d-dissertazzjoni għas-sodisfazzjon tal-Bord;

(b) jkun approvat mill-Bord u rreġistrat bħala student regolari ta' l-Universita'; u

(ċ) jimxi skond ir-rekwiżiti l-oħra preskritti fl-istatuti, regolamenti, u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Il-Kors ta' l-Istudji għall-Grad

10. (1) Ix-xogħol tal-kors għall-Grad għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom ma jingħatawx anqas minn 8 kredti.

(2) Ix-xogħol tal-kors għall-Grad ikun strutturat b'tali mod li jintemm f'perijodu minimu ta' sena ta' studju fuq bażi *part-time*.

(3) Katalgu ta' taqsimiet studju, bil-kredti assenjati għal kull taqsima studju, għandu jkun approvat mill-Bord u ppublikat qabel il-bidu ta' kull semestru. Xi taqsimiet studju jistgħu jkunu indikati bħala obbligatorji u oħrajn bħala fakultattivi.

(4) Student li, wara twissija xierqa mogħtija bil-miktub, jibqa' ma jattendix għall-konferenżi u/jew sessjonijiet tutorjali jew ma jwettaqx id-dmirijiet akkademiċi tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, jista' ma jitħalliex mill-Bord joqgħod għal xi valutazzjoni jew għall-valutazzjonijiet kollha tat-taqsimiet studju.

Valutazzjoni Kontinwa għall-Grad

11. (1) F'kull semestru tal-kors ta' l-istudji għall-Grad, l-istudenti għandhom ikunu valutati fit-taqsimiet studju li jkunu saru matul dak is-semestru, skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) Fl-għoti tal-kredti għandhom jintużaw dawn il-gradi: A, B, Ċ, D u F, fejn l-A tkun l-ogħla grad u F tfisser Weħel.

(3) Student li jeħel f'xi taqsima studju, għandu jitħalla jagħmel riparatorju darba biss. Jekk jerġa' jeħel, l-istudent jista' jitħalla jirrepeti t-taqsima studju rilevanti darba biss. F'kull każ minn dawn, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

Id-Dissertazzjoni

12. (1) L-istudenti ikunu meħtieġa jtemmu dissertazzjoni individwali taħt superviżjoni akkademika.

(2) L-istudenti għandhom jissottomettu t-titlu propost tad-dissertazzjoni tagħhom u abbozz tal-proġett ta' riċerka li sejra ssir għall-għan tad-dissertazzjoni sa mhux aktar tard minn sena wara r-reġistrazzjoni għall-Grad.

(3) It-titlu propost u l-abbozz tal-proġett ta' riċerka għandhom ikunu sottomessi, u approvati, mill-Bord ta' l-Istudji. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jaħtar superviżur.

(4) L-isem tas-superviżur, it-titlu propost u l-abbozz tal-proġett ta' riċerka għandhom ikunu sottomessi lill-Bord għall-approvazzjoni finali.

(5) Il-proġett ta' riċerka għandu jissodisfa lill-Bord f'dak li huwa kontenut u preżentazzjoni.

(6) Il-proġett ta' riċerka għandu jkun ta' madwar 20,000 kelma u għandu jissodisfa l-linji ta' gwida kollha rilevanti dwar format u tul.

(7) Id-dissertazzjoni għandha tkun sottomessa għall-eżami fil-forma finali tagħha mhux qabel disa' xhur u mhux aktar tard minn tmintax-il xahar minn meta ġiet aċċettata l-proposta tar-riċerka, sakemm il-Bord ma jagħtix estensjoni.

(8) Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur mis-Senat għal dan il-għan.

(9) Student ikun meħtieġ mill-Bord ta' Eżaminaturi jiddefendi d-dissertazzjoni tiegħu.

(10) Jekk id-dissertazzjoni ma tilħaqx il-livell meħtieġ, l-istudent jista' jkun meħtieġ jemenda u jissottometti mill-ġdid id-dissertazzjoni f'perijodu ta' mhux aktar minn sena.

Il-Klassifikazzjoni Finali għall-Għoti tal-Grad

13. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku fil-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

Skeda I

Id-Diploma u l-Grad jistgħu jingħataw f'waħda mix-Xjenzi tas-Saħħa li ġejjin:

(a) Terapija tal-Komunikazzjoni
(b) Teknoloġija Dentali
(ċ) Saħħa Ambjentali
(d) Tmexxija tas-Servizz tas-Saħħa
(e) Xjenza tal-Laboratorju Mediku
(f) Xjenza tal-Qwiebel
(g) *Nursing*
(h) Terapija Professjonali (*Occupational Therapy*)
(i) Fiżjoterapija
(j) Radjografija
(k) Edukazzjoni għan-*Nursing/ Midwifery*
(l) Nutrizzjoni u Djetetika

B 2024

Skeda II

Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

1. Minbarra r-rekwiżiti għad-dħul, il-kandidati għad-Diploma u għall-Grad li jagħżlu l-**Edukazzjoni għan-*Nursing/Midwifery*** għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) Il-kandidati għandhom ikunu kisbu l-ewwel grad fi Xjenza tas-Saħħa relatata u għandhom ikollhom minimu ta' sena esperjenza fl-Edukazzjoni għan-*Nursing/ Midwifery*, jew

(b) Bħala studenti maturi, il-kandidati għandhom ikollhom minimu ta' ħames snin esperjenza fi Xjenza tas-Saħħa relatata, minimu ta' tlett snin esperjenza fl-Edukazzjoni għan-*Nursing/ Midwifery*, u jissodisfaw kull regolament ieħor li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' studenti maturi.

2. Minbarra r-rekwiżiti għad-dħul, il-kandidati għad-Diploma u għall-Grad li jagħżlu t-**Tmexxija tas-Servizz tas-Saħħa** għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) Il-kandidati għandhom ikunu kisbu l-ewwel grad f'suġġett relatat u għandhom ikollhom minimu ta' sena esperjenza fit-tmexxija; jew

(b) Bħala studenti maturi, il-kandidati għandhom ikollhom minimu ta' ħames snin esperjenza fil-*Management*, jew minimu ta' ħames snin esperjenza fi Xjenza tas-Saħħa relatata b'minimu ta' tlett snin esperjenza fit-tmexxija, u jissodisfaw kull regolament ieħor li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' studenti maturi.